MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2009

Appell Civili Numru. 962/2000/1

**Carmelo Dalmas.**

**v.**

**Rev. Mgr. Joseph Dalmas.**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

B'ċitazzjoni ppreżentata quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-17 ta' Mejju, 2000 l-attur ippremetta illi permezz ta' prokura datata 16 ta' Awissu, 1995 (kopja annessa u

markata bħala Dok. A) huwa kien awtorizza lill-konvenut sabiex f'ismu jbigħ sehmu fil-mezzanin designat "St. Joseph" u esternament numerat 178, fi Triq San Xmun, Buġibba, San Pawl il-Baħar; illi l-fond hawn imsemmi u cioe` 178, Triq San Xmun, Buġibba, San Pawl il-Baħar, nbiegħ permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Anthony Abela, datat 31 ta' Jannar, 1996 (kopja annessa u markata bħala Dok. B) fuq liema att il-konvenut deher fl-interess tal-attur kif awtorizzat permezz tal-prokura annessa u markata bħala Dok. A; illi l-prezz tal-bejgħ kif jirriżulta mid-dokument anness u markat bħala Dok. B kien ta' ħamsa u għoxrin elf Lira Maltin (Lm25,000) liema prezz tħallas fl-intier tiegħu mad-data tal-istess kuntratt; illi l-konvenut naqas milli jagħti lill-attur rendikont ta' dak li ġie rikavat mill-bejgħ hawn imsemmi; illi għalkemm interpellat permezz ta' ittra datata 21 ta' Marzu, 2000 sabiex iħallas lill-attur is-sehem tal-attur mir-rikavat tal-bejgħ hawn imsemmi, il-konvenut baqa' inadempjenti; dan premess l-attur talab li dik il-Qorti:-

1) Tordna lill-konvenut, ai termini tal-artikolu 1875 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, jippreżenta rendikont ta' dak kollu li huwa rċieva in konnessjoni mal-bejgħ tal-fond 178, Triq San Xmun, Buġibba, San Pawl il-Baħar liema bejgħ sar permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Anthony Abela, datat 31 ta' Jannar, 1996 (kopja hawn annessa u markata bħala Dok. B);

2) Tillikwida, okkorrendo bin-nomina ta' periti, is-sehem tal-attur mir-rikavat tal-bejgħ tal-fond 178, Triq San Xmun, Buġibba, San Pawl il-Baħar liema bejgħ sar permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Anthony Abela, datat 31 ta' Jannar, 1996;

3) Tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur dik is-somma hekk likwidata li tirrappreżenta sehem l-attur mir-rikavat tal-bejgħ tal-fond 178, Triq San Xmun, Buġibba, San Pawl il-Baħar;

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra interpellatorja tal-21 ta' Marzu 2000 u tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju preżentat kontestwalment ma' din il-kawża, u bl-imgħax kontra l-konvenut li huwa minn issa nġunt in subizzjoni.

B'nota ppreżentata fis-6 ta' Ġunju, 2000 (fol. 13), il-konvenut eċepixxa;

1) Illi d-do

**Is-sentenza appellata.**

Il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza b'sentenza moghtija fid-29 ta' Jannar, 2007 bil-mod segwenti:-
*"*Għaldaqstant il-Qorti tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut u tilqa' t-talbiet kollha attriċi u għall-fini tat-tieni talba tillikwida l-ammont dovut lill-attur għas-somma [recte: fis-somma] ta' elfejn u ħames mitt Lira Maltin (Lm2,500) u tikkundanna lill-konvenut iħallas din is-somma lill-attur.

L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu kwantu għal nofs mill-attur u nofs mill-konvenut.*"*

Dik il-Qorti ppronunzjat ruhha bil-mod hawn fuq riportat wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Li l-attur qed jitlob li jingħata sehmu mit-trasferiment ta' fond imsemmi fiċ-ċitazzjoni u dan peress li l-konvenut kien aġixxa ta' prokuratur tal-attur (u ta' persuni oħra ossija ħut il-partijiet); da parti tiegħu l-konvenut qed jeċċepixxi li l-attur kien irrinunzja għal sehmu biex huwa (l-konvenut) seta' jixtri fond għal oħthom xebba Iris minħabba li skond hu, din kellha bżonn min jieħu ħsieb l-affarijiet tagħha.

"Għalhekk dwar il-fatti ma hemmx kontestazzjoni u cioe` li l-konvenut aġixxa ta' mandatarju tal-attur biex jittrasferixxi l-fond imsemmi fiċ-ċitazzjoni u l-konvenut mhux jiċħad li ma għaddiex lill-attur sehmu minn dan il-bejgħ.

"Stabbilit dan wieħed irid allura jara jekk hux minnu dak li qed jallega l-konvenut li l-attur kien ċeda sehmu u allura rrinunzja li jirċievi dan is-sehem. Il-Qorti, diversament preseduta, semgħet diversi xhieda fosthom tal-partijiet u ta' uħud mill-aħwa l-oħra senjatament Iris Dalmas u Carmen German u jidher verosimili li fil-bidu l-attur u dawn

il-persuni msemmija kienu aċċettaw li ma jiħdux sehmhom mill-bejgħ tal-fond (li kien ġie kostitwit patrimonju sagru minn missier il-kontendenti a favur il-konvenut) biex bis-sehem tagħhom jinxtara fond biex toqgħod fih l-imsemmija Iris Dalmas. Dan jispjega għaliex il-kuntratt in kwistjoni ġie pubblikat fil-31 ta’ Jannar, 1996 fil-waqt li l-attur istitwixxa l-kawża fis-17 ta’ Mejju, 2000 u ma jidhirx li l-attur għamel xi talbiet biex jitħallas, ħlief dawk it-talbiet illi pprecedew il-kawża. Bilfors allura ġara xi ħaġa li biddlet l-intenzjoni tal-attur u jidher ċar mill-atti tal-kawża x’kienet din il-ħaġa. Ftit xhur qabel l-attur skopra li l-konvenut bħala proprjetarju tal-fond li xtara biex tgħix fih oħtu Iris, ikkostitwixxa ipoteka fuq l-istess fond biex jiggarantixxi dejn ta’ oħtu Ċarmen German u żewġha. Dawn kollha rriżultaw mid-dokumenti li esebixxa l-attur fil-kors tal-provi. Kien allura dan li istiga lill-attur biex jitlob sehmu mill-bejgħ u wieħed ma tantx jista’’ jlumu fuq hekk.

”Tqum allura l-mistoqsija jekk din ir-rinunzja kinitx valida billi ma saret ebda formalita` u lanqas biss saret skrittura. Ir-risposta hija faċli, għalkemm sorprendentement ħadd mill-partijiet ma aċċenna għaliha fin-noti tal-osservazzjonijiet. Il-konvenut qed isostni li din ir-rinunzja kienet donazzjoni u fil-fatt wieħed jista’ jgħid li hekk kienet. Il-Kodiċi Ċivili fl-Artikolu 1753 jgħid ċar u tond li donazzjoni trid issir permezz ta’ att pubbliku taħt piena ta’ nullita’ u huma biss rigali li jgħaddu mill-id għall-id u somma flus li valur tagħha *jkun zgħir* jew fiċ-cirkostanzi msemmija fis-sub inċiz 2 (b) tal-istess artiklu (li m’humiex żgur applikabbli) li jesentaw lill-partijiet minn din il-formalita`. B’ebda mod wieħed ma jista’ jgħid li s-sehem minn din il-proprjeta` – li skond il-provi jidher li kienet elfejn u ħames mitt Lira Maltin (Lm2,500)– kienet xi somma zgħira kif jitlob l-artiklu msemmi. Għalhekk id-donazzjoni li qed jeċċepixxi l-konvenut ma tiswiex u l-attur għandu dritt jitlob sehmu, għalkemm minħabba dawn iċ-cirkostanzi se jkun hemm temperament fil-kap tal-ispejjeż.

”L-attur fl-ewwel talba tiegħu qed jitlob li l-konvenut jagħti rendikont tal-operat tiegħu u ma hemmx dubbju li anke independentement mill-mertu kontestat, il-mandatarju huwa dejjem obligat jagħti tali rendikont skond il-liġi skond

l-Artikolu 1875 tal-Kodiċi Ċivili. Għalhekk it-talba tiegħu hija legalment ġustifikata u hu probabbli li l-konvenut kien jeċċepixxi f'dan is-sens li kieku ma saritx. Madankollu fil-prattika, kif sostna l-istess attur fin-nota tiegħu ma tantx hemm bżonnha għaliex joħroġ ċar mill-provi li l-ammont li kien dovut lill-attur kien l-istess wieħed li ħadu l-aħwa li mill-bidu riedu sehemhom u cioe` elfejn u ħames mitt Lira Maltin (Lm2,500) u dan irriżulta ampjament."

**L-appell tal-konvenut.**

Il-konvenut hass ruhu aggravat bis-sentenza fuq riportata u ghalhekk, b'rikors intavolat fis-16 ta' Frar, 2007 talab li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza fuq riportata fejn din laqghet it-talbiet attrici u ghall-fini tat-tieni talba llikwidat l-ammont dovut lill-attur ghas-somma ta' elfejn u hames mitt Lira Maltin (LM2,500) (illum hamest elef tmien mija tlieta u ghoxrin ewro u tlieta u erbghin centezmu - €5,823.43) u kkundannat l-istess konvenut ihallas din is-somma lill-attur billi tichad it-talbiet kollha tal-attur u tillibera lill-konvenut mill-osservanza tal-gudizzju, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra tieghu.

L-attur intavola risposta dettaljata ghar-rikors tal-konvenut fejn basikament talab li l-appell jigi michud u s-sentenza appellata kkonfermata bl-ispejjez kontra l-konvenut appellant.

**L-aggravji tal-konvenut appellant.**

Il-konvenut ressaq in essenza aggravju wiehed kontra s-sentenza appellata, fejn qed jigi sottomess li l-Artikolu 1753(1) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta mhux applikabbli billi dak li kien sehh bejn il-partijiet ma kinitx donazzjoni izda rinunzja da parti ta' Carmelo Dalmas li jircievi sehmu mir-rikavat tal-bejgh tal-fond imsemmi fic-citazzjoni. Konsegwen-tement, jissottometti l-appellant, ma kienx mehtieg att pubbliku.

Ezaminati l-atti din il-Qorti hija tal-fehma li dak li kien intiz bejn il-partijiet kellu mill-istitut tad-donazzjoni billi effettivament dak li kellu jigri kien li l-attur, flimkien ma' whud minn hutu, jaghti s-somma ta' elfejn u hames mitt lira (LM2500), rapprezentanti sehemu mill-bejgh tal-fond imsemmi, lil ohtu Iris biex jinxtara post f'isimha. Dan il-ftehim ghandu l- apparenza ta' donazzjoni, u f'dan is-sens l-ewwel Qorti kienet korretta tigbed il-konkluzzjonijiet taghha kif jinghad fis-sentenza appellata.

Izda oltre dan, din il-Qorti tosserva li t-talba attrici kellha wkoll tintlaqa' fuq konsiderazzjoni ohra. Jirrizulta li l-attur u whud minn hutu rrinunzjaw ghall-sehmhom mir-rikavat tal-bejgh, kif ighid l-istess konvenut appellant fir-rikors tal-appell tieghu "*peress li ohthom Iris kienet ftit semplici, huma kienu se jirrinunzjaw ghad-dritt li jircievu sehmhom mir-rikavat tal-bejgh tal-proprjeta` in kwistjoni sabiex din Iris jinxtralha post fejn din tista' tghix tul hajjitha.*" [emfazi ta' din il-Qorti]. Ghalhekk tali rinunzja kienet kundizzjonata ghall-akkwist ta' din il-proprjeta` f'isem Iris. Biss irrizulta li ma inxtrat ebda proprjeta` f'isem din Iris, u ghalhekk ma avveratx ruhha l-kundizzjoni li maghha kienet marbuta dik ir-rinunzja. Konsegwentement hemm l-obbligu tar-restituzzjoni ta' kull ammont li kien hekk inghata.

Ghar-ragunijiet moghtija l-appell tal-konvenut qed jigi michud u s-sentenza appellata kkonfermata, bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------